# L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Settembru 2024

NR 191/2024    Data tal-Ħruġ: 17 ta' Ottubru 2024

*F'Settembru 2024, ir-rata annwali tal-inflazzjoni kif imkejla mill-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP) kienet ta' 2.1 fil-mija; tnaqqis mir-rata ta' 2.4 fil-mija rreġistrata x-xahar ta' qabel.*



**It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni**

F'Settembru 2024, l-ogħla rati annwali ta' inflazzjoni kienu rreġistrati fl-Edukazzjoni (4.1 fil-mija) u fil-Prodotti u servizzi mixxellanji (4.0 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-Komunikazzjoni (-5.1 fil-mija) u l-Ħwejjeġ u ż-Żraben (-2.0 fil-mija) rreġistraw l-aktar rati baxxi tal-inflazzjoni annwali (Tabelli nri 1 u 3).

## Ċart nru 1. Rati ta' inflazzjoni




F'Settembru 2024, l-akbar kontribuzzjoni pożittiva għall-inflazzjoni annwali ġiet mill-Indiċi tal-Ikel u x-xorb mhux alkoħoliku (+0.61 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tal-ħaxix. It-tieni u t-tielet l-akbar kontribuzzjonijiet għall-inflazzjoni annwali kienu nnotati fl-Indiċi tar-Ristoranti u l-lukandi (+0.56 punti perċentwali) u fl-Indiċi tat-Trasport (+0.30 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tas-servizzi tar-ristoranti u s-servizzi ta' manutenzjoni ta' karozzi, rispettivament.

Il-kontribuzzjonijiet negattivi għall-inflazzjoni annwali kienu rreġistrati fl-Indiċi tal-Komunikazzjoni (-0.19 punti perċentwali) u fl-Indiċi tal-Ħwejjeġ u ż-Żraben (-0.08 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet inqas għas-servizzi tal-mowbajl u tal-ħwejjeġ, rispettivament (Ċart nru 2, Tabella nru 4).

## Ċart nru 2. Il-kontribut tat-tnax-il taqsima ewlenija tal-ECOICOP għar-rata annwali tal-inflazzjoni

Settembru 2024




Noti:

1. Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.
2. Serje kronoloġika fid-dettall ta' dawn iċ-ċifri qiegħda f'Tabella nru 4.

**L-HICP (Malta u ż-żona tal-ewro)**

Din is-sezzjoni tqabbel l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur ta' Malta mal-aħħar ċifri taż-żona tal-ewro. F'Settembru 2024, ir-rata annwali għal Malta kienet ta' 2.1 fil-mija, 0.3 punti perċentwali ogħla mir-rata ta' 1.8[1] fil-mija rreġistrata fiż-żona tal-ewro (Ċart nru 3).

[1] L-aħħar data disponibbli għaż-żona tal-ewro hija stima, li tkun għadha proviżorja.

## Ċart nru 3. It-taqsimiet kollha tal-HICP f'Malta u fiż-żona tal-ewro




Sors: NSO u Eurostat.